MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 503/2004

**APS Bank Limited**
**vs**

**Dario Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Marzu, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tlieta u tletin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm233.86), ammont dovut kwantu ghas-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira u tlieta u sittin centezmu (Lm223.63) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 13119030011 u kwantu ghas-somma ta' ghaxar liri u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm10.23) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 20000098551; u dana oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2003 ;**
**Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas din is-somma izda baqa' inadempjenti ;**

**Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' mitejn u tlieta u tletin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm233.86), kif ukoll l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv u l-ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri.**

**Ra l-kapitolu prezentat fil-15 ta' April, 2004 mis-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u tletin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm233.86) bl-imghax ulterjuri mill-31 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------